MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2336/2003

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance Plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha M. Demajo (Timbers) Limited**

**Vs**

**W. J. Parnis England Limited, bhala agent tas-socjeta' estera SSM-Shipping LV, armatur u/jew noleggjatur tal-Bastiment "Vjeko" u The Cargo Handling Company Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm405.18c (erba' mija u hames liri Maltin u tmintax-il centezmu) rappresentanti ammont sborsat minnha bhala indennizz a favur l-assikurat taghha bhala konsegwenza

ta' hsara li dan garrab f'konsenja ta' tlettax (13) il-pallet ta' Chipboard kif spjegat fl-Avviz.
Ra r-Risposta ta' WJ Parnis England Limited bhala agent tas-socjeta' estera SSM Shipping LV fejn l-istess socjeta' qalet li l-merkanzija ggarret taht kundizzjonijiet FIOS u ghalhekk l-obbligi tal-bastiment hu li jircievi l-merkanzija u jwassalha sal-port tar-ricevitur.

Subordinatament is-socjeta' konvenuta qalet li qatt ma assumiet responsabilita' ghall-kundizzjoni tal-pallets kif jirrisulta mill-Polza ta' Karigu.

Is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited rrispondiet li hi s-socjeta' attrici li ghandha tipprova li l-allegati nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija kienet taht il-kontroll effettiv tas-socjeta' konvenuta u li l-istess merkanzija giet konsenjata lilha minghajr nuqqasijiet.

The Cargo Handling Company Limted qalet ukoll li qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi u li l-ammont pretiz huwa eccessiv u kontestat.

Ra d-dokumenti u sema' x-xhieda.

Ikkunsidra li skond il-Bill of Lading is-socjeta' SSM Shipping LV accettat 13 Pallets Chipboards (clean on Board). Hemm ukoll dikjarazzjoni fl-istess Bill of Lading li "Weight, measure, quality, quantity, condition, contents and value unknown".

Illi mit-Tally Sheets jirrisulta li sar Tally minn Parnis England Ltd fit-3 ta' Dicembru 2001 fejn gie dikjarat "outer packaging damaged" (Fol. 37) u dan in konnessjoni ma' zewg "Bales".
Mill-Cargo receipt mahrug mill-Cargo Handling Company Limited jirrisulta li l-istess socjeta' rceviet "13 pallets Chipboard of which 1plt slightly damaged" (Fol. 39). Skond Peter Bonello rappresentant tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited – l Cargo Receipt johrog wara li johrog ix-xoghol kollu (ara xhieda fol.56).

Illi skond il-Gate Pass Out datat 22 ta’ Jannar 2002 kien hemm “13 Pallet Chipboard of which 1 Pallet slightly damaged”. (Fol. 41).

Illi skond it-Tally Sheet tal-Cargo Handling Company Limited hemm rimarka li donnu jista jinqara “contents torn” jew “cartons torn” fejn il-merkanzija ta’ Demajo. (Fol. 48).

Jirrisulta li l-merkanzija waslet Malta fit-3 ta’ Dicembru 2001. Illi l-Gate Pass Out huwa datat 22 ta’ Jannar 2002 u ghalhekk zmien wara li waslet il-merkanzija.

Is-survey sar fit-22 ta’ Jannar 2002 u minn dan is-survey jirrisulta li c-chipboard kien dammegjat. Skond is-survey l-ammont ta’ danni huwa Lm405.18c (erba’ mija u hames liri Maltin u tmintax-il centezmu).

Skond is-socjeta’ Parnis England Limited malli l-merkanzija tigi fl-art ir-responsabilita hija tas-socjeta’ The Cargo Handling Company Limited.

Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati li “a clean Bill of Lading” jistabilixxi prima facie l-prova li l-merkanzija msemmiija fil-polza giet karikata f’kundizzjoni tajba u timponi obbligu li l-merkanzija tigi skarikata fl-istess kundizzjoni. Ma hemm l-ebda rimarka fuq il-polza. (Ara per ezempju Grixti noe Vs Parnis England Noe PA 6/12/2002).

Fil-kawza fl-ismijiet Michael Gatt Vs Dr. Philip Sciberras noe (Appell 20/4/1995) gie konfermat is-segwenti:

“Ghaz-zewg mumenti fokali hemm il-prova dokumentarja li ghandha juris tantum tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord – it-Tally Sheet u ghat-tieni mument, qabel il-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi konsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxa certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi l-Gate Pass Out.

Dawn iz-zewg dokumenti ghandhom jitqiesu bhala decizivi li jorbtu l-partijiet kollha fil-kawza, li ghandhom l-

opportunita' f'waqtha "a tempo vergine" li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Provi "a posteriori ta' dawk iz-zewg mumenti m'ghandhomx valur kontra l-prezunzjoni juris tantum li dawk id-dokumenti huma veri u awtentici; dokumenti li gew kompilati tempestivament u fil-mument opportum."

Illi f'din il-kawza sar joint tally miz-zewg socjetajiet konvenuti fejn gie dikjarat li minn rappresentant taz-zewg konvenuti li zewg bales kienu "torn". Id-dokument a fol. 42 mhux car u t-tally clarks ma xehdux. Dan it-tally sar fit-3 ta' Dicembru 2001.

Illi jirrisulta li mit-3 ta' Dicembru 2001 sat-22 ta' Jannar 2002 il-merkanzija baqghet fil-kustodja tal-Cargo Handling Company Limted. Illi meta l-merkanzija giet konsenjata mill-Cargo Handling Company Limited lil rappresentant tal-importatur l-istess importatur ikkonferma li rcieva l-merkanzija "in good order and conditon with the following exceptions of which 1 Pallett slightly damaged".

Illi meta sar is-survey instabu diversi damages fil-merkanzija kif jirrisulta mill-istess survey. Illi skond Albert Tedesco, s-surveyor nizel fil-port fejn ra d-danni. F'din il-kawza naqas li jixhed is-surveyor.

Illi kieku kien hemm dawn id-danni fil-mument li l-merkanzija waslet f'Malta dan kien jigi rifless fit-Tally Sheet. Illi fit-Tally Sheet hemm rimarki bhal "outer packaging damaged" izda dan ma jfissirx li hemm id-danni li sab is-surveyor. Illi fil-Gate Pass Out hemm il-kliem "1 pallett slightly damaged". Jekk kien hemm id-danni li sab is-surveyor min iffirma l-Gate Pass Out kellu jirrimarka dwar l-istess danni.

Kif gie dikjarat fil-kawza Formosa & Camilleri et Vs Sea Malta Company Limited et (PA AJM –4/10/2002) "F'materja ta' rizarciment ta' danni rizultanti minn hsarat jew nuqqasijiet f'merkanzija waqt li din tkun fil-pussess ta' terzi, huwa necessarju li tinghata importanza lid-dokumenti ufficjali li juri t-trapass tal-kontroll tal-istess merkanzija minn socjeta' ghal ohra. Dawn, fil-kaz ta'

merkanzija gejja minn barra minn Malta fuq bastiment huma t-Tally Sheet u l-Gate Pass Out. Dawn id-dokumenti mhux biss jindikaw dettaljatament il-hsara u/jew in-nuqqasijiet fil-merkanzija in kwistjoni izda u forsi aktar importanti ghal fini tad-determinazzjoni tar-responsabbilita' bejn il-carrier u l-cargo handler jindikaw il-kundizzjoni tal-merkanzija meta din tinhatt minn abbord u ghalhekk tohrog mill-kontroll tal-carrier..…u tidhol fil-kontroll u pussess tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited. Sussegwentement it-tieni dokument imsemmi jindika l-kondizzjoni ta' din il-merkanzija meta din tohrog mill-compound mill-kontroll tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited u tinghata f'idejn id-destinatarju jew l-agent tieghu. B'dawn iz-zewg dokumenti ghalhekk wiehed jista' jikkristallizza s-sitwazzjoni vis a vis kull konvenut u r-responsabbilita' tigi akkollata lil min jisthoqq."

Dwar is-survey l-istess Qorti fl-istess sentenza dddikjara "Is-survey li jinzamm fuq inkarigu tas-socjeta' assikuratrici fl-interess taghha u tal-assikurata, huwa relevanti billi dan jikkwantifika d-danni sofferti mis-socjeta' importatrici. B'dana kollu dan is-survey ma jistax jittiehed bhala prova konkluziva tad-deskrizzjoni tad-danni kemm il-darba ma jkunx jikkontjeni fih deskrizzjoni dettaljata tal-hsarat u nuqqasijiet li jirriskontra l-istess surveyor… jista ghalhekk jkun gara li xi hsarat u/jew nuqqasijiet jivverfikaw ruhhom wara li l-merkanzija tohrog mill-port u ghalhekk ebda wiehed mill-konvenuti ma huwa responsabbli ghall-hsarat jew nuqqasijiet rizultanti wara dan it-trapass."

Fl-istess kawza l-Qorti kkonfrontat b'allegati danni li ma jirrizultawx fil-Gate Pass Out iddikjara li "s-socjetajiet konvenuti certament ma jistghux jirrispondu ghal dawn id-danni".

Huwa minnu li t-Tally Sheets u l-Gate Pass Out ma jammontawx ghal xi prova rribattibbli imma dawn jikkostitwixxu biss prova probatorja juris tantum, imma jibqa l-fatt li l-forza probatorja hemm qeghda u mhux lecitu li wiehed jinvita lit-Tribunal, f'nuqqas ta' prova appozita, biex jiskarta tali provi fuq il-pretest ta' ghaggla u ta' l-

inattendibilita' taghhom. (Formosa & Camilleri Ltd noe Vs Sea Malta Limited Appell 12/6/2001 u Dr Simon Micallef Stafrace noe Vs. Godwin Abela noe Appell 6/10/2000 u David Curmi noe Vs Godwin Abela noe (PA 31/1/2003).

Billi f'dawn il-proceduri r-rappresentant tal-assikurat tal-attur iffirma li ircieva t-tlettax (13) il-pallett Chipboard "in good order and condition with the following exceptions "of which one pallet slightly damaged" it-talba tas-socjeta' attrici ghal risarciment ghandha tigi michuda.

Ghaldaqstant, jichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------